# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 308/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Ramon Mercieca)

vs

**Joseph Bartolo**

iben Fidiel, imwieled il-Gudja, fis-27 ta’ Mejju, 1950, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 498650(M)

Illum, 21 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Bartolo quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. talli fl-24 ta' Mejju, 2013, u fiz- zmien ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer caqlaq u zamm illegalment annimali minghajr identifikazzjoni u minghajr il-permessi necessarji u iddispona minnhom jew hallihom tul ta' zmien qabel ma ddispona minnhom bil-mod kif jispecifika ir-regolament;

2. talli fl-istess data, lok u hin kiser ir- regolament 1069/2009 tal- Unjoni Ewropeja li jispecifika fuq ir-regolament dwar is-sahha tal-annimali u prodotti sekondarji li joriginaw mill-annimali u li mhumiex ghall-konsum uman;

3. talli fl-istess data, hin u cirkostanzi sar recidiv b' sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta’ Gunju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 35(c)(iii) tal- Att dwar is- Servizz Veterinarju, Kapitolu 437 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Council Regulation 1069 ta' l-2009 tal- Unjoni Ewropea. Il-Qorti ma sabitx lill- imputat hati tat-tieni (2) u t- tielet (3) akkuza u ghaldaqstant illiberatu minnhom. Sabitu hati tal-ewwel akkuza (1) u ghaldaqstant ikkundannatu multa ta’ hamest elef euro (€5000).

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Bartolo pprezentat fl-4 ta’ Lulju, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati u tirrevokaha fil-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':

1. **Nullita’ dwar l-ewwel akkuza.**

L-artikolu citat 35 (c) (iii) tal-Kapitolu 437 tal-Ligijiet ta' Malta ma tezistix. Ghalhekk peress li s-sentenza pronunzjata kienet li nstab hati skont l-ewwel akkuza u mhux hati taht iz-zewg imputazzjonijiet l-ohra allura din in-nullita’ tolqot biss dan il-Kap filwaqt li l-ohrajn jekk ma jkunx hemm appell mill-prosekuzzjoni jibqghu fis-sehh. Dan il-kap huwa null peress li ma giex osservat il-precett tal-ligi li tigi kwotat preciz l-artiklu relevanti tal-Ligi li tahtu l-imputat jinstab hati.

2. **Nullum crimen sine lege, nulla poena sine lege.**

It-Taqsima V tal-Kapitolu 437 tal-Ligijiet ta' Malta titkellem fuq obbligazzjonijiet ta certi persuni u “obbligazzjonijiet ta’ korpi ohra”. L-artikolu 35(1) jelenka diversi obbligazzjonijiet. Il-paragrafu 35(1)(c) jkompli jitkellem fuq obbligazzjonijiet imposti. Il-Kodici Civili mimli obbligi imma l-ksur taghhom mhux reat. Per ezempju, is-servitujiet, b’eccezzjoni wahda fuq ic-cmieni. Hemm servitu’ imma hemm ukoll ir-reat taht il-Kodici tal-Pulizija.

L-gherq ta’ kollox huwa fl-artikolu 35(2) ta’ l-istess att li jghid testwalment hekk: “il-Ministru jista’ jaghmel regoli li jipprovdu lil kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet taghhom tkun hatja ta’ reat kontra dan l-artikolu u tehel meta tinstab hatja dik il-piena li tista’ tiqi preskritta mill-Ministru".

F’ dan is-sub-artiklu l-Parlament iddelega lill-Ministru:

(a) Li jiddikjara liema minn dawk l-obbligazzjonijiet il-ksur taghhom jikkostitwixxi reat; u

(b) liema piena ghandha tinghata sa massimu stabbilit mill-Parlament.

L-att principali ghalhekk kien jonqsu li jkun hemm regoli tal-Ministru biex jigi ddikjarat liema ksur ikun reat u x’piena tkun applikabbli. L-importanza hija li l-Ministru kellu jqieghed fuq bazi ta’ reat dak illi fid-diskrezzjoni jidhirlu hu u jigi nkorporat f’regoli jew regolamenti. Hawnhekk ma nsibux illi l-kliem: “kull min jonqos li josserva xi wiehed minn dawn l-obbligi jkun hati ta reat”. L-ezistenza tar-reat u li tbiddel obbligazzjoni ghal reat thalliet f’idejn il-Ministru responsabbli li kellu jaghmel regoli li necessarjament iridu jigu ppublikati ghaliex ma jista’ jkun hemm ebda ligi li ma tkunx promulgata u ippublikata. L-artiklu wkoll jaghti l-fakolta’ lill-Ministru jistabbilixxi l-pieni.

Issa jekk wiehed ifittex ma jsibx illi l-Ministru ghamel regoli taht dan is-sub-artiklu x’ jikkostitwixxi reat jew le u naturalment lanqas ghamel x’pieni jehlu min jikser xi wiehed minn dawn ir-reati definit mill-Ministru.

Ghaldaqstant l-ezistenza tal-ligi penali hija dubbja ghal kollox u ma tistax wiehed jipprevedi x' jista' jaghmel Ministru qabel jaghmilha. Issa jekk wiehed jezamina r-regolamenti li saru, jsib l-Avviz Legali 437.84, Avviz Legali 311 tas-sena 2005 fejn hemm hafna regoli dwar l-identifikazzjoni u registrazzjoni ta' annimali bovini u it-tikkettjar tac-canga pero' tqalleb kemm tqalleb f' dawn ir-regolamenti ma ssib li hemm ebda artikolu illi jekk wiehed jonqos ikun qed jikkommetti reat.

Huwa manifest illi dan l-Avviz Legali 311 tas-sena 2005 huwa trasposizzjoni ta' regolamenti ta' l-Unjoni Ewropeja. Pero' huwa naturali li l-Unjoni Ewropeja taghmel ir-regoli imma ma taghmilx il-pieni peress illi dawn thallihom f'idejn l-Istati Membri. Allura dawn ir-regolamenti dwar il-bovini b'ebda mod ma jsemmi xi haga li hi reat jew illi hemm xi piena.

Dan jikkostitwixxi principju bazilari tal-Ligi kemm taht il-Kostituzzjoni u anke taht il-Konvenzjoni Ewropeja. Dan huwa c-certezza tal-Ligi penali. Jekk la fil-Ligi principali u lanqas fil-ligi sussidjarja ma hemm il-Kostituzzjoni tar-reat wiehed ma jistax isib htija taht tali artikolu u jimponi piena.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi quddiem l-ewwel Qorti din kienet kawza sommarja. Konsegwenza ta' dan ix-xiehda ta' kull xhud li offra li jiddeponi ma gietx traskritta. Ghalhekk, din il-Qorti kellha tisma mill-gdid il-provi. Jigi osservat li l-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti izda ma offriex ix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti.

Illi dan il-kazz kellu l-bidu tieghu f'telefonata anonima fejn id-Direttorat ghat-Trattament Xieraq ta' l-Annimali gew infurmati li f'farm, fil-limiti tal-Gudja kien hemm ghogol mejjet fil-bitha. Din l-informazzjoni dahlet fl-24 ta' Mejju, 2013. Ghal habta ta' bejn id-9.00 a.m. u id-9.30 a.m. Joseph Zammit, enforcement officer u il-veterinarju Dr. Duncan Chetcuti Ganado marru fuq il-post u sabu l-ghogol mejjet. Dan l-ghogol gie fotografat minn Dr. Chetcuti Ganado u ir-riratti jinsabu ezebiti fil-process. Gie kkonstat li dan l-ghogol mejjet ma kellu ebda tag u li l-eta' tieghu kienet ta' bejn is-sena u is-sena u nofs. L-ghogol lanqas kien seta' twield fuq il-farm ta' l-appellant ghaliex l-appellant kellhu razza ohra ta' annimali.

Illi dawn l-ufficjali pruvaw jikkuntattaw is-sid ta' dan il-farm, l-appellant, izda ghalfejn. Ghalhekk, marru l-ghassa taz-Zejtun li rnexxilhom jikkuntattjaw lill-appellant li mar l-ghassa.

Illi fuq l-iskorta ta' dawn il-fatti l-appellant tressaq il-Qorti bl-akkuzi hawn fuq elenkati.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-25 ta' Gunju, 2014 l-appellant ma nstabx hati tat-tieni u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu. Hu nstab hati tal-ewwel akkuza.

Illi l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha kkwotat l-artikolu 35(c)(iii) tal-Kapitolu 437 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-appellant qajjem il-punt li dan l-artikolu tal-ligi ma jezistix u dan il-fatt igib in-nullita tas-sentenza. L-appellant ghandu ragun ghaliex dan l-artikolu ma jezistix izda jirrizulta li l-artikolu korrett kellu jkun l-artikolu 35(1)(c)(iii).

Ghalhekk, din il-Qorti qed thassar u tirrevoka din is-sentenza billi l-precetti tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali ma gewx osservati. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ser tkompli biex tiddispondi minn dan l-appell li jirrigwarda biss l-ewwel akkuza migjuba kontra l-appellant.

Illi l-appellant jsostni fit-tieni aggravju tieghu li l-ewwel Qorti ma setghatx issib htija taht l-artikolu 35(1)(c)(iii). Dan ghaliex it-Taqsima 5 tal-Kapitolu 437 tal-Ligijiet ta' Malta tispecifika l-obbligazzjonijiet ta' certi persuni u ta' korpi ohra. Ghalhekk, l-artikolu 35(1) u partikolarment is-subinciz (c) jkompli jelenka dawn l-obbligi. Min-naha l-ohra l-artikolu 35(2) jistipula li:

**" Il-Ministru jista' jaghmel regoli li jipprovdu li kull persuna li tikser id-dispozizzjonijiet taghhom tkun hati ta' reat kontra dan l-artikolu u tehel, meta tinsab hatja, dik il-piena li tista' tigi preskritta mill-Ministru, liema piena tkun ta' prigunerija ta' mhux aktar minn sitt xhur jew multa ta' mhux aktar minn tlieta u ghoxrin elf u mitejn u tleita u disghin euro u tlieta u sebghin centzmu (€23,293.73)."**

Illi hu car li f'dan is-subartikolu il-Ministru jista' jaghmel regoli. Mhemmx obbligu fuq il-Ministru li jaghmel dawn ir-regoli. Madankollu, iktar 'l isfel issib li l-Ministru ghandu jfassal il-piena fuq il-parametri stipulati f'dan is-subartikolu. Hu car li l-obbligu tal-Ministru, hekk kif il-Parlament iddelagalu, hu li jrid jaghmel ir-regoli u imbaghad ifassal il-piena ghall-kull ksur ta' kull regola li hemm elenkati fl-artikolu 35(1) dejjem fil-parametri msemmija fis-subartikolu (2).

Illi fil-'letter to prosecute' li rceviet il-pulizija hemm indikat l-artikolu 57(1) ta' dan il-Kapitolu.Dan ighid testwalment:
**"Min jikser xi dispozizzjoni ta' dan l-Att li dwarha m'hemm provdut ebda piena specifika u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87)."**
Ghalhekk, dan is-subartikolu jispecifika li fejn ma hemm provdut ebda piena specifika ghandu jigi applika dan l-ewwel sub-artikolu.

Illi l-appellant hu akkuzat li zamm illegalment annimal, f'dan il-kaz ghogol, minghajr ma kellu ebda identifikazzjoni. Dan johrog car mill-qari tal-artikolu 35(1)(c)(iii) billi hemm obbligu fuq ir-rahhal li jirregistra l-annimali. Dan ma sarx mill-appellant.

Illi l-appellant ghandu ragun jilmenta li l-Ministru ma hareg ebda regolamenti in materja izda madankollu kellu l-obbligu li jirregistra l-ghogol. Haga li hu ma ghamilx u ghalhekk jiskatta l-artikolu l-57(1) proprju biex ighatti dan in-nuqqas. Fic-cirkostanzi, l-aggravju tal-appellant hu michud.

Illi dwar it-tieni u it-tielet akkuza migjuba kontra l-appellant, il-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova in meritu u ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htija fil-konfront ta' l-appellant.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet ma ssibx lill-appellant hati tat-tieni u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu u ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena.  Issibu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.  Rat l-artikoli 35(1)(c)(iii) u 57(1) tal-Kapitolu 437 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' erba' telef euro (€4,000).